92

Fit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
16 MAR 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

| | |
|---|---|
| Numru tal-Applikazzjoni: | **PA/06302/22** |
| Lokalita': | Green Area, it-Telgha ta' Spencer c/w Triq Nazzjonali, Marsa |
| Applikant: | Mr. Kevin Farrugia obo Transport Malta |
| Proposta: | Biex tissanzjona l-istallazzjoni ta' *variable message sign* (VMS) |
| Data tad-Deċiżjoni: | 1 ta' Frar, 2023 |
| Data tal-Pubblikazzjoni: | 15 ta' Frar, 2023 |

Rikors tal-appell tal-applikant Kevin Farrugia f'isem u ghan-nom ta' Transport Malta.

Jesponi bir-rispett:

1. Illi dan l-appell qieghed jigi interpost mid-decizjoni ta' rifjut moghtija mill-Awtorita' fl-1 ta' Frar, 2023 li ġiet pubblikata fil-15 ta' Frar, 2023 (minn liema data jiskatta t-terminu ghall-preżentata tal-appell) - kopja hawn annessa bhala Dok. 'A'.

2. Illi ż-żewġ raġunijiet mogħtija mill-Awtorita' għar-rifjut ta' din l-applikazzjoni huma t-tnejn imsejsa fuq il-kunsiderazzjoni ta' dan il-*variable message sign* bhala 'billboard' meta fil-fatt dan il-*variable message sign* (komunement riferut bhala 'VMS') effettivament mhuwiex *billboard* imma *traffic sign* u ghaldaqstant ir-regolamenti li jirregolaw il-*billboards* mhumiex applikabbli ghall-każ odjern.

3. Illi d-definizzjoni ta' '*billboard*' fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.28 hija kif ġej:

*"billbord" tfisser kull* ***reklam*** *id-daqs ta' jew ikbar minnsitt metri kwadri (6m²) li huwa immuntat fuq kull struttura,kemm jekk indipendenti jew immuntat mal-hajt, kemm jekk b'mod permanenti kif ukoll b'mod temporanju u liema billbord ma huwiex direttament relatat mar-reklamar ta' prodotti mibjugha jew attivitajiet li jkunu qed isiru fis-sit tal-billbord.*

4. Illi fit-test Ingliż id-definizzjoni ta' '*billboard*' hija s-segwenti -:

*"billboard" means any advertisement equal to, or larger than, six square metres (6m²) which is permanently or temporarily mounted on any structure whether free-standing*

*or wall-mounted and which billboard is not directly related to the advertisement of products sold or activity conducted within the site of the billboard.*

5. Illi għalhekk huwa mill-iżjed ċar u manifest illi sabiex oġġett ikun jista' jitqies bħala *billboard* u għalhekk ikun regolat bid-dispożizzjonijiet tal-L.S. 552.28, jeħtieġ illi dak l-oġġett ikun jikkostitwixxi **reklam** ossija **advertisement.** Jekk l-oġġett ma jikkostitwix **reklam** ossija **advertisement,** allura inevitabilment ifisser illi dak l-oġġett (irrispettivament mill-aspett fiżiku tiegħu u d-dimensjonijiet tiegħu) **mhuwiex *billboard*** fit-termini tal-liġi. *Sic et sempliciter.*

6. Illi l-iskop ta' *variable message sign* mhuwiex illi jagħmel **reklam IŻDA** li jservi bħala avviż lill-utenti tat-triq sabiex jassisti fl-użu tajjeb tat-triq, u cioe' l-istess funzjoni ta' *traffic sign.*

7. Illi di fatti fir-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 (Traffic Signs and Carriageway Mrkings Regulations) insibu definizzjoni ta' *traffic sign* bħala *"a sign or marking for regulating the traffic of vehicles or pedestrians or other road users, or for indicating the route to be followed by such road users"*, u huwa preċiżament din il-funzjoni illi taqdi l-VMS mertu ta' din l-applikazzjoni.

8. Illi għaldaqstant ma hemm u ma jista' jkun hemm assolutament ebda ombra ta' dubju illi *variable message sign* tikkostitwixxi *traffic sign* u mhux *billboard* għall-finijiet tal-liġi u li għalhekk il-provvedimenti tal-L.S. 552.28 mhumiex applikabbli. Isegwi wkoll inevitabilment illi, gjaladarba *variable message sign* mhijiex *billboard* għall-finijiet tal-liġi, iż-żewġ raġunijiet miġjuba għarrifjut tal-applikazzjoni in kwistjoni, li t-tnejn huma msejsa fuq il-presuppost illi l-VMS hija *billboard,* assolutament ma jreġġux u kwindi l-applikazzjoni kellha u għandha tiġi akkolta.

9. Illi għas-saħħa tal-argument, u dan qed jingħad b'mod sussidjarju u bla ebda preġudizzjini għall-aggravju prinċipali hawn fuq dedott, għandu jingħad ukoll illi l-VMS huwa sinjal illi direttament relatat mal-lok fejn huwa stallat, għaliex jirregola jew jagħti informazzjoni dwar it-traffiku f'dak il-post, u għal din ir-raġni wkoll huwa eskluż mid-definizzjoni ta' *billboard* stante illi fid-definizzjoni ta' *billboard* ma jaqgħux strutturi illi l-iskop tagħhom huwa *"direttament relatat mar-reklamar ta' prodotti mibjugħa jew attivitajiet li jkunu qed isiru fis-sit tal-billbord."*

Għal dawn il-motivi l-appellant jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita tal-Ippjanar fl-1 ta' Frar, 2023 (u pubblikata fil-15 ta' Frar, 2023) fir-rigward tal-applikazzjoni li ġġib in-numru **PA/06302/22** b'dan li għalhekk l-applikazzjoni tal-appellant għandha tiġi akkolta u l-permess mitlub jiġi maħruġ.

DR. CHRIS CILIA LL.D.
IC Law, Triq l-Għenba, Attard

Appellant: Malta Transport Centre, Triq Pantar, Lija